MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Talba Numru. 2810/2002

**Natasha Farrugia**

**vs**

**Joanne Bonnici u Alex Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Novembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attrici s-somma ta' tmenin lira Maltin (Lm80.00) rappresentanti ammont imhallas lill-Kunsill Lokali tal-Gudja meta l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAF 521 kienet tinsab fil-pussess esklussiv tal-konvenuti, jew min minnhom.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma dehrux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attrici s-somma ta' tmenin lira Maltin (Lm80.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------